GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

PR261913 | 13.11.2026 | 4

STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Carmelo Abela jiltaqa' mal-Ispeakers ta' Ċipru u s-Slovakkja

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Carmelo Abela, kellu laqgħat bilaterali separati ma' Annita Demetriou, Speaker tal-Kamra tad-Deputati ta' Ċipru, u Richard Raši, Speaker tal-Kunsill Nazzjonali tas-Slovakkja, biex jiddiskutu temi ta' interess reċiproku u jkomplu jsaħħu r-relazzjonijiet parlamentari bejn il-pajjiżi. Il-laqgħat saru fis-Slovakkja.

Waqt il-laqgħa ma' Speaker Demetriou, iż-żewġ naħat iddiskutew il-koperazzjoni bejn Malta u Ċipru dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fuq livell Ewropew, kif ukoll l-interessi u l-isfidi li ż-żewġ pajjiżi jaqsmu bħala pajjiżi Mediterranji.

Iż-żewġ Speakers iddiskutew ukoll fehmiet dwar ir-regolamenti tal-baġit ta' pajjiżhom.

F'laqgħa separata ma' Speaker Raši, Speaker Abela saħaq dwar l-importanza li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jżommu djalogu miftuħ, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tħejjijiet għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (MFF) li jmiss.

Iż-żewġ Speakers iddiskutew ukoll il-possibbiltajiet għal koperazzjoni aktar mill-qrib bejn in-Netherlands, Malta u s-Slovakkja, hekk kif it-tliet pajjiżi qed iħejju ruħhom għall-Presidenzi rispettivi tagħhom tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2030. Din il-koperazzjoni hija importanti sabiex tiġi żgurata kontinwità, koordinazzjoni u ħidma favur il-prijoritajiet Ewropej komuni.

Id-diskussjonijiet indirizzaw ukoll is-sitwazzjoni fl-Ewropa, b'mod partikolari l-gwerra fl-Ukrajna. F'dan il-kuntest, l-Ispeaker Abela tenna li n-newtralità ta' Malta bl-ebda mod ma żżomm lill-pajjiż milli jesprimi ruħu b'mod ċar kontra l-aggressjoni u l-ksur tas-sovranità u tal-integrità territorjali ta' stati oħra.

Iż-żewġ laqgħat servew bħala opportunità biex jiġu diskussi fehmiet dwar l-iżviluppi attwali fl-Ewropa u fir-reġjun, tiġi enfasizzata mill-ġdid l-importanza tad-diplomazija parlamentari u jiġu esplorati modi ġodda għal aktar koperazzjoni bejn Malta u s-sħab Ewropej tagħha.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 **E** press.releases@gov.mt

www.doi.gov.mt